# Ir-Rata tal-Qgħad: Mejju 2024

**NR 116/2024** **Data tal-Ħruġ: 25 ta' Ġunju 2024**

*Ir-rata tal-qgħad aġġustata għall-effetti tal-istaġun għax-xahar ta' Mejju 2024 kienet ta' 3.2 fil-mija, żieda ta' 0.1 punti perċentwali meta mqabbla max-xahar ta' qabel.*




**Il-fatturi li wasslu għar-rata tal-qgħad tax-xahar aġġustata bl-istaġun**

F'Mejju 2024, ir-rata tal-qgħad kienet ta' 3.2 fil-mija, żieda ta' 0.1 punti perċentwali meta mqabbla kemm max-xahar ta' qabel kif ukoll mal-istess xahar fl-2023 (Tabella nru 1, Ċart nru 1).

F'Mejju 2024, l-għadd ta' nies qiegħda kien ta' 10,186, b'dawk il-persuni li kellhom bejn il-25 u l-74 sena jkunu dawk li kellhom l-akbar sehem mil-livell kollu tal-qgħad. L-għadd ta' żgħażagħ qiegħda, aġġustat għall-effetti tal-istaġun, ammonta għall-2,333, mentri l-għadd ta' nies qiegħda li kellhom bejn il-25 u l-74 sena ammontaw għal 7,853 (Tabella nru 2).

F'Mejju 2024, ir-rata tal-qgħad għall-irġiel kienet ta' 3.6 fil-mija, l-istess meta mqabbla max-xahar ta' qabel. Sadattant, ir-rata għan-nisa kienet ta' 2.6 fil-mija, żieda ta' 0.1 punti perċentwali fuq ix-xahar ta' qabel (Tabella nru 1).

Ir-rata tal-qgħad għall-persuni ta' bejn il-15 u l-24 sena (ir-rata tal-qgħad taż-żgħażagħ) telgħet għal 8.1 fil-mija, filwaqt li dik għal persuni li kellhom bejn il-25 u l-74 sena kienet ta' 2.7 fil-mija biex b'hekk baqgħet bħalma kienet ix-xahar ta' qabel (Tabella nru 1, Ċart nru 2).

## Ċart nru 1. Ir-rata tal-qgħad tax-xahar, aġġustata għall-effetti tal-istaġun




## Ċart nru 2. Ir-rata tal-qgħad tax-xahar, bil-gruppi tal-età, aġġustata għall-effetti tal-istaġun

